# Anton Inglott (1915-1945)

## Kapolavur fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imsida

**Kull darba li l-festa, jew xi okkażjoni oħra ddaħalni fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp ta' l-Imsida, għajnejja jistrieħu u jitpaxxew bl-apside tal-kor li fiha naraw il-mewt ta' dan il-qaddis, impittra minn Anton Inglott (1915-1945).**

Fil-gżejjer tagħna għandna bosta pitturi simili li jinsabu fil-knejjes ta' San Pawl tal-Belt, tal-Furjana, tal-Gudja, ta' Ħaż-Żebbuġ, tal-Qala u tal-Fontana Għawdex flimkien ma' oħrajn. Dawn saru kollha minn artisti u fi żminijiet differenti. Huma kollha sbieħ, iżda f'din tal-knisja ta' l-Imsida wieħed iħoss fiha ċerta spiritwalità u kif ukoll serenita' kbira ta' mewt ta' bniedem qaddis.

Dan ix-xogħol ta' Inglott hu magħdud fost l-aqwa kapolavuri ta' l-arti sagra Maltija magħmula fis-seklu għoxrin.

Fiha, il-pittur poġġa l-aqwa talenti tiegħu. Meta ħadimha kien jaf li jinsab qrib il-mewt u għalhekk għaliha ġabar il-ftit enerġija li kien baqagħlu u flimkien mat-talenti li kellu nisiġhom fil-pniezel tiegħu biex b'hekk tana dan ix-xogħol sabiħ.

Ried li fil-mewt ta' San Ġużepp iħejji l-mewt tiegħu u fl-istess ħin ried iħalli t-testment tiegħu lil dawk kollha li jħarsu lejn din il-pittura. Illum, aktar minn ħamsin sena wara, nistgħu ngħidu, li l-pittur irnexxielu jwassal dak li xtaq u ried.

Ma' l-ewwel ħarsa lejn l-apside, wieħed mill-ewwel jintebaħ li Inglott ried jagħti importanza kbira lil Ġesu', u għalhekk pittru hawn b'figura maestuża fiċ-ċentru, b'ħarstu 'l fuq lejn is-sema u b'dirgħajh it-tnejn miftuħa qisu qiegħed fi djalogu ma' Alla l-Missier u għalhekk madwar Kristu naraw għadd kbir u sabiħ ta' anġli libsin kollha lbies bajdani qisu bid-dija ħierġa minnhom. Fl-istess ħin qed idawlu din ix-xena tas-sema.

Fuq in-naħa tax-xellug ta' San Ġużepp naraw żewġ figuri għarkubbtejhom, wieħed minnhom liebes l-abjad bil-ġilju f'idu, simbolu tas-safa tal-qaddis u fuq in-naħa l-oħra naraw lil Marija Santissima għarkubbtejha bid-dija ħierġa minn rasha. Tidher fiha serenita' kbira. Fuq l-istess naħa, imbagħad naraw iż-żewġ figuri ta' nisa bil-mantell fuq rashom imbikkija għal dik it-telfa.

Fin-nofs, taħt il-figura ta' Kristu naraw lil San Ġużepp rieqed ir-raqda tal-mewt bid-dija ħierġa minnu.

Talibħaqq meta tħares lejn din il-kompożizzjoni kollha tħoss l-



ispiritwalità tal-pittur Inglott li ma tħosshiex f'pitturi oħra.

Inglott ħadem din il-biċċa xogħol fi ftit xhur minn Marzu sa Lulju tas-sena 1945. Meta tlestiet, ġiet imħejjija funzjoni speċjali li kellha ssir fil-21 ta' Lulju, qrib il-festa titulari. L-Arċisqof Mikiel Gonzi kellu jagħmel l-inawgurazzjoni. Inglott kien preżenti għal din iċ-ċerimonja iżda kien eċċitat ħafna.

Kien qed jibża' li x-xogħol tiegħu ma kien ser jiġi milqugħ tajjeb u kkritikat u għalhekk żgiċċa u tela' fil-gallarija ta' l-orgni flimkien ma' martu Mary. In-nies ta' l-orkestra għamlu għalihom, iżda meta saru jafu min kienu kkalmaw is-sitwazzjoni.

Ftit ġimgħat biss wara, nhar il-festa ta' Santa Marija, il-pittur Inglott ħalla din id-dinja. Kellu biss tletin sena! X'ħasra li Malta tilfet pittur hekk kbir f'eta' żgħira.

Personalment din l-apside ta' l-Imsida dejjem saħħritni u ġegħlitni napprezza l-arti ta' dan l-artist. Dan is-sens ta' apprezzament komplejt kabbartu ftit ilu, wara l-pubblikazzjoni ta' Emmanuel Fiorentino. Permezz tagħha sirt naf aktar min kien Inglott, x'għamel u x'talenti kbar żejnu Alla bihom. Barra dan, tgħallimt aktar dwar din l-apside għaliex Emmanuel Fiorentino ddedika kapitlu għaliha fejn għamel studju u analiżi professjonali tagħha.

Tgħallimt ħafna dwarha, u bil-ħerqa qiegħed nistenna l-festa titulari ta' din is-sena, biex kif tkun imdawla, nara u nifli ċerti dettalji interessanti ta' dan il-kapolavur kbir li ħallielna il-pittur Malti Anton Inglott li kif għedna, għex biss tletin sena.

**Tony Terribile**